KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.10.2005
KUMM(2005) 538 finali

2005/0216 (ACC)
2005/0217 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna l-addozzjoni tal-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna l-aċċettazzjoni tal-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet, jew "moduli b'ħafna ċippijiet" (l-MCPs) huma kategorija relattivament ġdida ta' semi-kondutturi mmuntati li ma kinux jeżistu fi żmien tal-mekkaniżmu tat-tneħħija tat-tariffi ta' l-ITA (il-Ftehim tad-WTO dwar it-Teknoloġiji ta' l-Informatika) kien konkluż fl-1996. Kieku l-MCPs kienu jeżistu dak iż-żmien li kien innegozjat l-ITA, probabbilment kienu jkunu inkorporati fl-ITA b'rata żero ta' dazju.

Fl-2004, il-produtturi prinċipali tas-semi-kondutturi bbażati fl-UE u mkejjen oħra talbu li l-ġurisdizzjonijiet lokali rispettivi tagħhom, li huma miġbura flimkien fil-Laqgħat tal-Gvernijiet/l-Awtoritajiet dwar is-Semi-kondutturi (il-GAMS), jagħtu lill-MCPs l-istess trattament bħal prodotti oħra koperti mill-ITA. L-UE, il-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti u t-Taipei Ċiniż bħala l-ħames membri tal-GAMS approvaw din l-inzjattiva fil-laqgħa ta' l-2004 tal-GAMS. Il-membri tal-GAMS irnexxielhom jikkonkludu b'suċċess negozjati li wasslu għal Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (il-"Ftehim") fil-15 ta' Settembru 2005 f'Seoul.

Il-Kunsill addotta direttivi għan-negozjati ta' dan il-Ftehim fir-rebbiegħa 2005.

F'linja ġenerali, l-abbozz ta' Ftehim jipprevedi li l-membri kollha tal-GAMS jirriduċu għal rata żero tad-dazji u l-ispejjeż doganali kollha applikati fuq l-MCPs, kif definit fl-2007 fis-Sistema Armonizzata (is-SA) ta' l-Organizzazzjoni Doganali Dinjija.

L-abbozz ta' Ftehim għandu jnaqqas biss id-dazji u l-ispejjeż <u>applikati</u> fuq l-MCPs, filwaqt li jħalli r-rati <u>kkonsolidati</u> kif inhuma. Fuq kollox, l-abbozz ta' Ftehim jawtorizza b'mod ċar lill-Partijiet, meta jkunu qed jinnegozjaw ftehim ta' tnaqqis ta' tariffa multilaterali taħt l-awspiċji tad-WTO, li jitolbu kreditu bħala parti mill-bilanċ globali ta' konċessjonijiet meta wkoll jintrabtu tariffi fuq l-MCPs b'rata żero.

Il-ftehim hu mistenni li jidħol fis-seħħ fost erba' membri tal-GAMS fl-1 ta' Jannar 2006, jekk ikun assunt li l-proċedimenti ta' ratifika nazzjonali jitlestew malajr. Il-Ġappun diġà qed japplika fil-prattika dazji u spejjeż b'rata żero fuq l-MCPs u għalhekk hu effettivament konformi mat-termini tal-Ftehim. Minħabba t-tul tal-proċediment ta' ratifika fil-Ġappun, dan hu mistenni li jissieħeb fil-Ftehim matul is-sena 2006.

Għall-proċess ta' ratifika, il-membri tal-GAMS ftiehmu dwar proċediment b'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-Ftehim għandu jkun addottat – soġġett għall-approvazzjoni aktar 'il quddiem – mill-ħames membri tal-GAMS. Imbagħad, meta l-istrumenti kollha ta' addozzjoni jkunu waslu għand id-depożitarju nnominat, il-ftehim għandu jkun miftuħ għall-aċċettazzjoni. Il-proposti korrispondenti tal-Kummissjoni għal żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill huma misjuba hawn taħt.

Hu previst li l-Ftehim ikun jista' aktar tard jiġi estiż għal ġurisdizzjonijiet oħrajn li jimmanifatturaw l-MCPs, bħaċ-Ċina, Ħong-Kong, l-Indja, il-Malasja, u s-Singapor.

2005/0216 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna l-addozzjoni tal-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs) (il-"Ftehim").

(2) F'dikjarazzjoni ffirmata fil-15 ta' Settembru 2005, il-Partijiet prospettivi ta' dan il-Ftehim irreġistraw it-tmiem ta' dawn in-negozjati fit-test tal-Ftehim.

(3) Soġġett għall-approvazzjoni possibbli f'data ulterjuri, il-Ftehim għandu jkun addottat.

(4) Bl-addozzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill għandu wkoll ikun ikkunsidrat li qed jiddepożita strument ta' addozzjoni mad-depożitarju nnominat bil-Ftehim, li hu s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Soġġett għal approvazzjoni possibbli f'data ulterjuri, il-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs) hu hawnhekk addottat f'isem il-Komunità.

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [...]

F’isem il-Kunsill
Il-President

ANNESS

Nota: Il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

Filwaqt li jkun imfakkar li teżisti opinjoni komuni dwar it-trattament ta' eżenzjoni mid-dazju doganali ta' l-MCPs fost il-Membri tal-Gvernijiet/l-Awtoritajiet dwar is-Semi-kondutturi (il-GAMS), li huma : il-Komunità Ewropea rappreżentata fil-GAMS permezz tal-Kummissjoni Ewropea; il-Ġappun; ir-Repubblika tal-Korea; l-Istati Uniti ta' l-Amerika; u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, il-Penghu, il-Kinmen u l-Matsu, dawn il-Membri tal-GAMS qablu b'dan li ġej:

(1) Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet (l-MCPs) huma dawk iċ-ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet li jikkonsistu f'żewġ ċirkuwiti, jew aktar, integrati monolitiċi u interkonnessi magħquda għall-għanijiet u l-finijiet kollha b'mod indiviż, kemm jekk huma jew mhumiex fuq substratt wieħed, jew aktar minn wieħed, li jiżola, bi frejm taċ-ċomb jew mingħajru, iżda mingħajr ebda elementi ta' ċirkuwiti attivi jew passivi;

(b) **Sistema Armonizzata** tfisser id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar kif deskritta fl-Anness tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar, kif din tista' tkun emendata, u kif addottata u implimentata mill-Partijiet fil-liġijiet u regolamenti rispettivi tagħhom;

(c) **Parti** tfisser Membru tal-GAMS jew kull Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li ddepożita l-istrument ta' aċċettazzjoni tiegħu għand id-depożitarju; u

(d) it-termini użati f'dan il-Ftehim li huma użati wkoll fil-Ftehim ta' Marrakech li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO) għandhom l-istess tifsira bħal fil-Ftehim tad-WTO.

(2) Dan il-Ftehim għandu japplika għall-MCPs kollha, irrispettivament minn fejn prodotti ta' din ix-xorta huma kklassifikati fis-Sistema Armonizzata.

(3) Kull Parti għandha, abbażi tan-nazzjon l-aktar iffavorit, tnaqqas għal rata żero d-dazji doganali u dazji u spejjeż oħrajn, peress li dawn id-dazji u spejjeż huma deskritti fl-Artikolu II: 1(b) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ta' l-1994 (il-GATT 1994), li dan japplika għall-MCPs, b'konformità ma' dawn il-proċedimenti:

(a) Kull Parti għandha tapplika dazji jew spejjeż fuq l-MCPs b'rata żero sakemm il-Partijiet kollha jaqblu li livell suffiċjenti ta' kummerċ dinji fl-MCPs hu kopert bi ftehim multilaterali dwar tariffi mnaqqsa taħt l-awspiċji tad-WTO.

(b) F'dak il-mument, jew, jekk dan ikun qabel il-31 ta' Diċembru 2006, fl-1 ta' Jannar 2007, kull Parti għandha tikkonsolida d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata żero.

(c) Il-Partijiet kollha jaqblu li jikkooperaw mal-Membri l-oħra tad-WTO biex tintlaħaq kopertura ta' 90 fil-mija tal-kummerċ dinji ta' l-MCPs f'dan il-ftehim dwar tariffi mnaqqsa.

(4) (a) Kull Parti għandha, fil-mument ta' l-aċċettazzjoni tagħha ta' dan il-Ftehim, tipprovdi lid-depożitarju lista ta' l-intestaturi fl-iskeda tagħha tat-tariffi li tinkudi l-MCPs. Jekk Parti tikklassifika sussegwentement MCP taħt intestatura li mhix inkluża fil-lista oriġinali tagħha, dik il-Parti għandha mingħajr telf ta' żmien tipprovdi lista emendata lid-depożitarju.

(b) Kull Parti tista' f'kull mument titlob emendi f'lista ta' Parti oħra li hi taħseb li mhix kompluta, f'dan il-każ il-Parti rikjesta għandha tikkonsulta u taħdem mal-Parti li qed tagħmel b'bonafidi r-rikjesta biex tagħmel l-emendi kollha neċessarji. Il-lista emendata għandha tkun ipprovduta lid-depożitarju.

(c) Id-depożitarju għandu jittrażmetti l-lista pprovduta, inkluži l-emendi, lill-Partijiet kollha.

(5) Minkejja l-liberalizzazzjoni awtonoma tad-dazji u l-ispejjeż applikati fuq l-MCPs bis-saħħa ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tingħata l-permess li tikkunsidra l-irbit ta' tariffi fuq l-MCPs b'rata żero bħala parti mill-bilanċ tagħha ġenerali tal-konċessjonijiet fi ftehim multilaterali dwar tariffi mnaqqsa taħt l-awspiċji tad-WTO.

(6) Mingħajr preġudizzju lejn il-paragrafu 3, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jkun interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti taħt il-Ftehim tad-WTO.

(7) (a) Wara li d-depożitarju jirċievi erba' strumenti ta' aċċettazzjoni mingħand il-Membri tal-GAMS, dawn il-Partijiet għandhom jaqblu dwar data li fiha l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ.

(b) Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-aċċettazzjoni minn kull Membru tad-WTO. Aċċettazzjoni li ssegwi d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta tali aċċettazzjoni tasal għand id-depożitarju. Id-depożitarju għandu jinforma lill-Partijiet kollha hekk kif jirċievi aċċettazzjoni.

(c) Jekk il-Partijiet jaqblu li jemendaw dan il-Ftehim, is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal din l-emenda.

(8) Meta l-Partijiet kollha jorbtu d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata żero skond il-paragrafu 3 subparagrafi (a) sa (c), dan il-Ftehim għandu jispiċċa.

(9) L-oriġinal ta' dan il-Ftehim bil-lingwa Ingliża kif ukoll l-istrumenti ta' aċċettazzjoni għandhom ikunu ddepożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

2005/0217 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna l-aċċettazzjoni tal-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni ta' ... il-Kunsill f'isem il-Komunità addotta[2], soġġett għal approvazzjoni possibbli f'data ulterjuri, il-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs) (il-"Ftehim").

(2) Sadattant, total ta' erba' Partijiet prospettivi għall-Ftehim addottaw il-Ftehim, soġġett għal approvazzjoni possibbli f'data ultejuri. Dan hu n-numru minimu ta' Partijiet meħtieġa għal dan il-Ftehim biex jidħol fis-seħħ.

(3) L-erba' Partijiet prospettivi għal dan il-Ftehim qablu li kellu jidħol fis-seħħ fosthom fl-1 ta' Jannar 2006 [*dan għandu jkun ikkonfermat*].

(4) Il-Ftehim għandu issa jkun aċċettat f'isem il-Komunità.

(5) Bl-addozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill għandu wkoll ikun ikkunsidrat li qed jiddepożita strument ta' aċċettazzjoni mad-depożitarju nnominat bil-Ftehim, li hu s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-Ftehim dwar it-Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs) hu hawnhekk aċċettat f'isem il-Komunità.

---

1 ĠU C […], […], p. […] .
2 ĠU L […], […], p. […] .

It-test tal-Ftehim kif awtentikat mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [...]

F'isem il-Kunsill
Il-President

ANNESS

Nota: il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika

Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (l-MCPs)

Filwaqt li jkun imfakkar li teżisti opinjoni komuni dwar it-trattament ta' eżenzjoni mid-dazju doganali ta' l-MCPs fost il-Membri tal-Gvernijiet/l-Awtoritajiet dwar is-Semi-kondutturi (il-GAMS), li huma : il-Komunità Ewropea rappreżentata fil-GAMS permezz tal-Kummissjoni Ewropea; il-Ġappun; ir-Repubblika tal-Korea; l-Istati Uniti ta' l-Amerika; u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, il-Penghu, il-Kinmen u l-Matsu, dawn il-Membri tal-GAMS qablu b'dan li ġej:

(1) Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) **ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet (l-MCPs)** huma dawk iċ-ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet li jikkonsistu f'żewġ ċirkuwiti, jew aktar, integrati monolitiċi u interkonnessi magħquda għall-għanijiet u l-finijiet kollha b'mod indiviż, kemm jekk huma jew mhumiex fuq substratt wieħed, jew aktar minn wieħed, li jiżola, bi frejm taċ-ċomb jew mingħajru, iżda mingħajr ebda elementi ta' ċirkuwiti attivi jew passivi;

(b) **Sistema Armonizzata** tfisser id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar kif deskritta fl-Anness tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar, kif din tista' tkun emendata, u kif addottata u implimentata mill-Partijiet fil-liġijiet u regolamenti rispettivi tagħhom;

(c) **Parti** tfisser Membru tal-GAMS jew kull Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li ddepożita l-istrument ta' aċċettazzjoni tiegħu għand id-depożitarju; u

(d) it-termini użati f'dan il-Ftehim li huma użati wkoll fil-Ftehim ta' Marrakech li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO) għandhom l-istess tifsira bħal fil-Ftehim tad-WTO.

(2) Dan il-Ftehim għandu japplika għall-MCPs kollha, irrispettivament minn fejn prodotti ta' din ix-xorta huma kklassifikati fis-Sistema Armonizzata.

(3) Kull Parti għandha, abbażi tan-nazzjon l-aktar iffavorit, tnaqqas għal rata żero d-dazji doganali u dazji u spejjeż oħrajn, peress li dawn id-dazji u spejjeż huma deskritti fl-Artikolu II: 1(b) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ta' l-1994 (il-GATT 1994), li dan japplika għall-MCPs, b'konformità ma' dawn il-proċedimenti:

(a) Kull Parti għandha tapplika dazji jew spejjeż fuq l-MCPs b'rata żero sakemm il-Partijiet kollha jaqblu li livell suffiċjenti ta' kummerċ dinji fl-MCPs hu kopert bi ftehim multilaterali dwar tariffa mnaqqsa taħt l-awspiċji tad-WTO.

(b) F'dak il-mument, jew, jekk dan ikun qabel il-31 ta' Diċembru 2006, fl-1 ta' Jannar 2007, kull Parti għandha tikkonsolida d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata żero.

(c) Il-Partijiet kollha jaqblu li jikkooperaw mal-Membri l-oħra tad-WTO biex tintlaħaq kopertura ta' 90 fil-mija tal-kummerċ dinji ta' l-MCPs f'dan il-ftehim dwar tariffi mnaqqsa.

(4) (a) Kull Parti għandha, fil-mument ta' l-aċċettazzjoni tagħha ta' dan il-Ftehim, tipprovdi lid-depożitarju lista ta' l-intestaturi fl-iskeda tagħha tat-tariffi li tinkudi l-MCPs. Jekk Parti tikklassifika sussegwentement MCP taħt intestatura li mhix inkluża fil-lista oriġinali tagħha, dik il-Parti għandha mingħajr telf ta' żmien tipprovdi lista emendata lid-depożitarju.

(b) Kull Parti tista' f'kull mument titlob emendi f'lista ta' Parti oħra li hi taħseb li mhix kompluta, f'dan il-każ il-Parti rikjesta għandha tikkonsulta u taħdem mal-Parti li qed tagħmel ir-rikjesta bi ħsieb tajjeb biex tagħmel l-emendi kollha neċessarji. Il-lista emendata għandha tkun ipprovduta lid-depożitarju.

(c) Id-depożitarju għandu jitrażmetti l-lista pprovduta, inklużi l-emendi, lill-Partijiet kollha.

(5) Minkejja l-liberalizzazzjoni awtonoma tad-dazji u l-ispejjeż applikati fuq l-MCPs bis-saħħa ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tingħata l-permess li tikkunsidra l-irbit ta' tariffi fuq l-MCPs b'rata żero bħala parti mill-bilanċ tagħha ġenerali tal-konċessjonijiet fi ftehim multilaterali dwar tariffi mnaqqsa taħt l-awspiċji tad-WTO.

(6) Mingħajr preġudizzju lejn il-paragrafu 3, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jkun interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti taħt il-Ftehim tad-WTO.

(7) (a) Wara li d-depożitarju jirċievi erba' strumenti ta' aċċettazzjoni mingħand il-Membri tal-GAMS, dawn il-Partijiet għandhom jaqblu dwar data li fiha l-Ftehim jidħol fis-seħħ.

(b) Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-aċċettazzjoni minn kull Membru tad-WTO. Aċċettazzjoni li ssegwi d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta tali aċċettazzjoni tasal għand id-depożitarju. Id-depożitarju għandu jinforma lill-Partijiet kollha hekk kif jirċievi aċċettazzjoni.

(c) Jekk il-Partijiet jaqblu li jemendaw dan il-Ftehim, is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal din l-emenda.

(8) Meta l-Partijiet kollha jorbtu d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata żero skond il-paragrafu 3 subparagrafi (a) sa (c), dan il-Ftehim għandu jispiċċa.

(9) L-oriġinal ta' dan il-Ftehim bil-lingwa Ingliża kif ukoll l-istrumenti ta' aċċettazzjoni għandhom ikunu ddepożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.